MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1011/2003

**Louis u Consolata konjugi Caruana u uliedhom Simone mart Marco Vassallo, Louise mart Anthony Caruana Galea u Michelle mart Anton Ciantar minnu legalment separata**

**vs**

**Av. Dr. Christopher Cilia u P.L. Luisa Tufigno nominati kuraturi deputati biex jirrappresentaw il-wirt battal ta' Clayton Zarb u b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Novembru, 2003, Micallef Insurance Agency Ltd agent tas-socjeta' assikuratrici estera Independent Insurance Co. Ltd assumiet l-atti minflok il-kuraturi deputati nominati biex jirraprezentaw il-wirt battal ta' Clayton Zarb**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fit-3 ta’ Ottubru, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremettew illi;

Fis-7 ta’ Dicembru, 2000 ghall-habta tas-1.00 a.m., waqt li Clayton Zarb kien qed isuq vettura Nru. CAR 852 go Triq l-Assedju l-Kbir, Valletta, fid-direzzjoni tal-Belt, kien involut f’incident awtomobilistiku fejn il-vettura misjuqa minnu baqghet diehla fil-burdura tal-gebel bir-*railings* u baqghet niezla fil-bahar (Dok. A);

Kemm Clayton Zarb kif ukoll Erika Caruana li kienet passiggiera mieghu tilfu hajjithom fl-incident (Dok. B);

L-atturi Louis u Consolata konjugi Caruana jigu l-genituri ta’ Erika Caruana waqt li l-atturi Simone Vassallo, Louise Caruana Galea u Michelle Ciantar jigu hut l-istess Erika Caruana;

Erika Caruana mietet intestata u l-atturi huma l-eredi intestati taghha;

Bhala konsegwenza ta’ l-mewt ta’ Erika Caruana fl-istess incident, l-atturi garrbu danni kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

L-incident *de quo* gara unikament bi htija tad-defunt Clayton Zarb minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Il-konvenuti *noe*, interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni kollha subiti mill-atturi permezz ta’ ittra ufficjali tad-19 ta’ Lulju, 2002 (Dok. C);

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara li d-defunt Clayton Zarb kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

2. tillikwida d-danni kollha tal-atturi occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundannahom *noe* sabiex ihallsu lill-atturi dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilhom *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju, 2002 (bin-notifiki relattivi) u tal-procedura tal-kuraturi, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri *a tenur* tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenuti *noe* li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li *in forza* taghha eccepew illi:

1. Fl-ewwel lok l-eccipjenti mhumiex edotti perfettament mill-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant jirrizervaw id-dritt illi jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri wara li jkunu saru d-debiti verifiki u accertamenti.

2. F'kull kaz sabiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba attrici ghall-kundanna tal-hlas tad-danni l-atturi jehtieg illi jipprovaw sal-grad li trid il-ligi illi l-incident *'de quo agitur'* sehh unikament minhabba tortijiet imputabbli lid-defunt Clayton Zarb.

3. Fir-rigward tat-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-imghax, fil-kaz odjern l-imghax m'ghandux jibda' jiddekorri hlief mid-data tal-pronunzjament tas-sentenza u dan fuq l-iskorta tal-principju legali *'in liquidandis non fit mora'*.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jigu permessi skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Novembru, 2003, li *in forza* taghha d-ditta *Micallef Insurance Agency Limited*, bhala agent tas-socjeta' assikuratrici estera *Independent Insurance Company Limited*, giet awtorizzata tassumi l-

atti tal-kawza flok il-kuraturi deputati biex tirrapprezenta l-wirt battal ta' Clayton Zarb;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' *Micallef Insurance Agency Limited nomine* li *in forza* taghha eccepiet illi:

1. L-atturi jridu jippruvaw li huma l-eredi ta' Erika Ciantar.

2. L-ewwel talba attrici hija infondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi ispinta bl-ispejjez *stante* li l-attur Clayton Zarb ma kienx responsabbli ghall-incident *'de quo'*.

3. Jsegwi li t-tieni talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez *stante* li m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti.

4. Jsegwi li t-tielet talba attrici ghandha, tigi respinta bl-ispejjez *stante* li m'hemmx danni x'jigu likwidati biex taghmel tajjeb ghalihom l-eccipjenti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Dicembru, 2000, go Triq l-Assedju l-Kbir, fil-Belt Valletta. F'dan l-incident kienet involuta vettura wahda tat-tip *"Daihatsu Rocky"* (*jeep*) bin-numru tar-registrazzjoni

*CAR-852*, liema karozza kienet misjuqa min Clayton Zarb, guvni ta' 18-il sena. Fl-istess vettura kien hemm passiggiera femminili, Erica Caruana, xebba ta' 18-il sena, li kienet toqghod il-Belt Valletta. Il-vettura kienet qed tinsaq mid-direzzjoni tal-Floriana lejn il-Belt, u meta waslet fil-kisra li hemm fit-triq, is-sewwieq Clayton Zarb tilef il-kontrol tal-vettura, li baqghet diehla fuq ic-cint li jdawwar it-triq, tqaccat il-hadid tar-*railings* u l-vettura baqghet niezla fil-bahar fejn instabet mill-Pulizija f'pozizzjoni qisha pparkjata fuq il-blat taht l-ilma. L-gholi tal-waqa' kien cirka 12-il metru sa wicc il-blata. Fit-triq thallew *brakemarks* hfief ghal nofs tond jaghtu ghad-direzzjoni ta' fejn waqghet il-karozza mit-triq. Dawn il-*brakemarks* kellhom tul ta' madwar 45 metru. Iz-zewg persuni li kienu fil-vettura gew certifikati mejta minn Dr. Mose' Camilleri tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana, u kellhom jinhargu mill-membri tal-protezzjoni civili wara li dawn kellhom jqattghu partijiet mill-karozza wara li ttellghet mill-bahar. Fil-waqt li s-sewwieq Clayton Zarb miet b'*"asphyxia"* wara li ghereq wara li l-incident, il-passiggiera Erica Caruana mietet b'rizultat ta' *"fractured skull"* u *"intra-cravial haemorrhage"* kkawzati mill-incident. L-incident sehh ghall-habta tas-siegha ta' filghodu (1.00 am) u rrizulta li l-art kienet xotta.

Mill-ezami teknici li ghamel fuq il-vettura l-espert tekniku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti biex jassistih fl-inkjesta, jirrizulta li l-karozza ma kellhiex difetti; l-*isteering wheel* kien ghadu jahdem, it-*tyres* kienu shah u l-pedala tal-*brake* kienet ghada bil-*pressure*. Il-karozza kellha hsarat estensivi mal-*body* kollu, specjalment quddiem.

L-incident *in kwistjoni* rawh isehh zewg persuni li dak il-hin kienu f'karozza ohra tinstaq f'direzzjoni opposta. Dawn il-persuni, Marcel Micallef u Gaetano Bonnici, osservaw li dak il-hin ma kienx hemm karozzi ohra fit-triq, f'hin minnhom dawn raw dawl ta' *jeep* gejja mill-faccata taghhom, u kienet sejra ghan-naha tas-sigar mas-swar, izda umbaghad kissret ghan-naha l-ohra, telghet il-bankina u l-vettura inqalghet minn mal-art, kissret ic-cint u marret 'l isfel. Il-vettura kienet qed tinsaq bi *speed*.

Din il-Qorti, bla ebda estitazzjoni, tikkonkludi li l-incident *in kwistjoni* sehh rizultat ta’ sewqan negligenti, jekk mhux ukoll perikoluz, *da parti* ta’ Clayton Zarb. Hu bil-fors li kien qed isuq bi *speed* qawwi, u dan jirrizulta mhux biss mill-*brakemarks* twal li halliet il-vettura, izda fuq kollox mid-dinaminika tal-habta, fis-sens li l-karozza telghet bankina, qactet *railings* tal-hadid u baqghet taqa’ ghal gol-bahar. *Inoltre*, hu maghruf li l-vetturi *Daihatsu jeeps* ma tantx ghandhom *road holding* u s-sewqan b’dik il-vettura ghandu jkun kawt u prudenti hafna. Is-sewwieq ma jidhirx li kien attent fis-sewqan, tant li l-ewwel kien diehel fis-sigar ta’ mas-swar, u umbaghad kisir f’daqqa ghan-naha l-ohra, u ma setghax la jikkontrolla u la jzomm il-karozza.

Ma jirrizultax li hu kien qed jigi incitat mill-passiggiera biex isuq bi *speed* qawwi, *pero’*, anke kieku kien hekk, hu obbligu ta’ kull *driver* li jsuq bi prudenza u jibqa’ hekk isuq anke jekk il-hin ikun kontra tieghu (fis-sens li jkun tard ghad-destinazzjoni tieghu) jew jekk jigi mitlub jigri aktar milli hu permezz. L-obbligu ta’ sewqan prudenti huwa dejjem fuq is-sewwieq u s-sewwieq biss, u hu ghandu jirregisti kull talba jew incitament li ssirlu li jsuq kontra d-ditami tal-prudenza u attenzjoni. Dak li gara f’dan il-kaz, kien kollu rizultat tal-fatt li s-sewwieq ma kellux il-hin kollu l-kontroll tal-karozza, u *kwindi* ghall-incident *in kwistjoni* u danni li sofrew l-atturi b’rizultat tal-mewt ta’ Erica Caruana, jahti s-sewwieq Clayton Zarb, jew ahjar, il-wirt tieghu rapprezentata f’dawn il-proceduri mis-socjeta’ assikuratrici li kienet tkopri l-vettura *in kwistjoni*.

*Kwindi*, is-socjeta’ konvenuta, fil-kwalita’ taghha bhala agent tas-socjeta’ assikuratrici estera *Independent Insurance Company Limited in rapprezentanza* tal-wirt battal ta’ Clayton Zarb, qed tigi dikjarata unikament responsabbli ghall-incident *in kwistjoni* li fih tilfet hajjitha Erica Caruana.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, il-Qorti sejra, fl-ewwel lok, tittratta l-kwistjoni tat-talba ghall-kumpens *lucrum cessans*. Jirrizulta li Erica Caruana kellha 18-il sena fid-data tal-incident. Kif ghalmet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Caruana vs Camilleri”, deciza fis-27

ta’ Frar, 2004, fil-kalkolu tal-*multiplier* wiehed ghandu dejjem jaghti qies lill-kontingenzi tal-hajja futura, u *kwindi* l-*multiplier* m’ghandu qatt ikun li jwassal lill-vittma sal-eta’ tal-irtirar; f’dik il-kawza, fil-fatt, ghall-persuna li kellha 30 sena meta sehh l-incident, l-Onorabbli Qorti adottat *multiplier* ta’ 25. Hekk ukoll, fil-kawza “Turner vs Agius”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Novembru, 2003, ghall-tfajla li kellha 17-il sena fid-data tal-incident, gie adottat *multiplier* ta’ 30.

Dan il-hsieb ta’ kawtela kien gie ndikat mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Bugeja vs Agius”, deciza fis-26 ta’ Lulju, 1991, fejn jinghad hekk fuq kif ghandha tigi kkalkulata l-figura tal-*multiplier*:

*“Fi kliem iehor, is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li kull min hu b’sahhtu hu mistenni li jibqa’ jahdem sa 60 sena jew sad-data tal-penzjoni, izda tirrikjedi li tenut kont tal-eta’ tal-mejjet u fatturi ohrajn, minhabba diversi kontingenzi tal-hajja, jittiehed numru ta’ ‘years purchase’ li hu l-multiplier u li huwa normalment anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorativa tal-vittma”*.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti sejra tadatta *multiplier* ta’ 35 fil-konfront tal-vittma Erica Caruana.

Il-vittma Erica Caruana kienet tahdem bhala *sales girl* mad-ditta *J. Piccinino Limited*, u ghall-perjodu ta’ 8 xhur qabel il-mewt taghha (mill-1 ta’ April sas-7 ta’ Dicembru, 2000) kellha dhul ta’ Lm2,122, b’paga ta’ Lm55.15 fil-gimgha. Mid-dokumenti ezebiti ma jidhirx li hi kellha xi livell ta’ edukazzjoni gholi, *pero’*, jidher li kienet gia turi propensita’ ghall-*secreterial jobs*, bid-diversi certifikati li ottjeniet f’*typewriting* u *computer knowledge*, u kellha *passes* anke *with distinction* f’certi korsijiet li ghamlet. *Kwindi*, jidher li kellha futur sabih quddiema, meta tqies li post ta’ segretarja bi *proficency* tajba fil-*computer* u t-*typewriting* huwa wiehed mfittex f’pajjizna. Meta wiehed jiehu *in konsiderazzjoni* dan il-fattur, kif ukoll z-zidiet ghall-

inflazzjoni u ziedet ohra, il-Qorti tqies li ghandha tadotta dhul ta' Lm70 fil-gimgha.

Ghandu jinghad li, f'kull kaz, mill-ammont ta' *income* indikat, m'ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba hlasijiet minhabba l-*Income Tax* (ara "Muscat vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1972), u lanqas minhabba l-hlasijiet tal-PAYE jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali (ara "Caruana vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1983).

Il-Qorti sejra issa tindaga l-kwistjoni dwar 'l hekk imsejha *"dependency issue"*. Il-vittma kienet xebba u tghix mal-genituri taghha. Ma giex ippruvat li dawn il-genituri kienu jiddependu fuqha biex jghixu. Din il-Qorti, fis-sentenza li tat fil-kawza indikata "Turner vs Agius", kienet irrifjutat li tnaqqas mid-danni minhabba li ma kienx hemm *degree of dependancy* gholi bejn il-vittma u l-eredi taghha; din il-Qorti kienet osservat li l-atturi ma kienux qed ifittxu kumpens *iure proprio* izda bhala eredi tal-mejta. L-Onorabbli Qorti tal-Appell, *pero'*, irrevokat dik il-parti tas-sentenza, u irreteniet li kellha s-segwi l-gurisprudenza antecedenti *in subjecta materja*, u tnaqqas mill-*quantum* tad-danni skond id-*degree of dependency* tal-atturi lejn il-vittma. Dik l-Onorabbli Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni *in sostenn* tal-pozizzjoni li hadet.

*"Din il-Qorti tapprezza l-validita' ta' dan il-punt legalistiku sollevat mill-Qorti, imma jekk wiehed ser jibbaza fuqu, hemm ukoll l-argument kuntrarju li fil-mument tal-mewt il-vittma ma kellha ebda flus xi thalli lill-werrieta taghha. L-ammont ta' Lm93,600 tirraprezenta projezzjoni futura u ragjonata imma fl-istess waqt wahda misthajla u kontingenti. Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li, minnu din tkun qeghda tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja li qeghdha tghix fi hdanha u li fin-normalita' tal-hajja l-probabilita' tkun li din tiehu l-istat taghha jew tmur*

*tghix ghal rasha. Huwa proprju ghalhekk li, gustament, il-perit legali hass li kellu japplika dan l-aspett ta' dipendenza u rriduca l-ammont "da liquidarsi"*.

F'dik il-kawza, l-Onorabbli Qorti tal-Appell naqset terz mis-somma likwidata minhabba li d-*degree of dependency* kien wiehed baxx. Fil-kawza "Agius vs Fenech", deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2003, dik l-Onorabbli Qorti, f'sitwazzjoni pjuttost simili (*cioe'*, ghall-kaz ta' genituri li jitolbu kumpens wara l-mewt ta' binhom), kienet naqset 50% mis-somma likwidata peress li l-grad ta' dipendenza tal-eredi kienet wahda baxxa. Dawn iz-zewg sentenzi intghataw biss xahar 'l boghod minn xulxin, izda din il-Qorti, meta qieset li l-punt tad-*degree of dependency* gie aktar studjat fil-kawza "Turner vs Agius", thoss li ghandha ssegwi l-pozizzjoni li hadet l-Onorabbli Qorti tal-Appell f'din l-ahhar kawza u tnaqqas 33% mill-ammont likwidat minhabba li d-*degree of dependency* huwa wiehed baxx.

Apparti dan it-tnaqqis, ghandu jsir tnaqqis iehor minhabba *personal consumption*. Dan il-punt gie wkoll diskuss fil-kawza imsemmija ta' "Turner vs Agius", u l-Onorabbli Qorti tal-Appell segwit il-gurisprudenza Maltija u naqset 25% peress li hu mistenni li l-vittma, kieku baqghet hajja, kienet tuza l-flus li jkollha biex tiekol jew tonfoq mill-kapital likwidat. L-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat hekk fuq dan il-punt:

*"Jekk l-argument huwa li l-vittma potenzjalment kien ser ikollha somma a disposizzjoni taghha, parti minnha zgur kienet ser tigi minfuqa u ghalhekk isegwi li tnaqqis ikkalkulat f'percentwal ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) huwa wiehed realistiku"*.

Ghar-rigward tal-*lump sum deduction*, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza msemmija "Agius vs Fenech", kienet osservat li jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*. Fil-kawza "Turner vs Agius", *pero'*, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma segwitx dan l-argument taghha stess, u rrevertiet ghall-pozizzjoni li kienu jiehdu l-Qrati taghna

antecedentement billi tnaqqas mill-percentagg tad-deduzzjoni minhabba *lump sum payment* skond iz-zmien li tkun hadet il-kawza biex tigi deciza finalment. Fil-fatt, f'dik il-kawza, l-incident sehh fl-1993 u giet deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-2003, u fil-fehma ta' dik l-Onorabbli Qorti, avvolja ma kienx hemm indikazzjoni li d-danneggant kellu xi htija fid-dewmien tal-kawza, *"dan it-trapass hu tant twil li ghandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis ghal fini ta' "lump sum payment"*.

F'dan il-kaz, l-incident sehh fl-2000, u l-kawza qed tigi deciza hames snin wara, u *kwindi* it-tnaqqis minhabba l-fatt li hlas ta' kumpens se jinghata bhala *lump sum*, ghandu jkun ta' 10%, *a bazi* tal-linja gurisprudenzjali li tnaqqas zewg punti percentwali mill-figura ta' 20% ghal kull sena li tghaddi minn fuq l-incident.

*A bazi* ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-kumpens dovut lill-atturi bhala *lucrum cessans* ghandu jigi kkalkulat hekk:

Lm70 x 52 x 35 - 33% - 25% - 10% = Lm57,617

Bhala *damnum emergens*, l-atturi urew li nefqu Lm1,200 bhala spejjez funerarji. Ghalkemm din il-Qorti, kif presjeduta, tqies li talba ghar-rifussjoni ta' dawn l-ispejjez hija ftit anomola, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Turner vs Agius", akkordat dawn l-ispejjez lill-genituri tal-vittma, u din il-Qorti thoss li ghandha s-segwi dan it-taghlim u takkorda wkoll rifusjoni ta' din l-ispiza partikolari.

Spejjez ohra inkorsi mill-atturi jinkludu Lm32 ghall-kopja tal-process verbal u Lm10.50 ghad-diversi certifikati.

B'kollox, allura, l-kumpens ghad-*damnum emergens* ghandu jkun ta' Lm1,242.50.

Il-kumpens globali jitla, ghalhekk, ghall-Lm58,859.50, li ghandu jithallas lill-atturi, li ppruvaw li huma l-eredi *ab intestato* tal-mejta Erica Caruana.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut

*nomine*, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li d-defunt Clayton Zarb kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Dicembru, 2000, u li fih mietet Erica Caruana, u tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm58,859.50 (tmienja u hamsin elf, tmien mija u disa' u hamsin liri Maltin u hamsin centezmu) *in linea* ta' danni, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza u dawk relattati jithallsu kollha mill-konvenut *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------